MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Numru. 132/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CHRIS PULLICINO**

**KONTRA**

**MASSIMO GALEA ta' 31 sena, iben Emmanuel u Maria nee' Mazzatelli, imwieled Tal-Pieta' nhar is-26 ta' Frar, 1980, residenti fil-fond Block G, Flat 1, Housing Estate, Mosta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 34680M;**
**GEORGE VELLA ta' 37, iben Spiridione u Emmanuela nee' Farrugia, imwieled Tal-Pieta' nhar l-4 ta' Gunju, 1974, residenti fil-fond Block 2, Number 2, Fuq San Pawl, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 295674M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Massimo Galea** u **George Vella** li gew akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, f’Lulju 2002 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data:

a. Xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

b. U aktar talli ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe’ ghamlu falsifikazzjoni tal-firem ta’ Ronald Giordano u persuni ohra fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta plc, fuq akkkonti ta’ Danomor Trading u dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. U aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza, u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d. U aktar talli b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex inqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta’ aktar minn Lm100.00 bi hsara ta’ Danomor Trading Ltd u/jew tal-Bank of Valletta u dan bi ksur tal-Artikolu 308, 309, u 310(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

**Lil George Vella wahdu** akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer f’Lulju 2002 u fix-xhur ta’ qabel id-data:

1. Ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi

holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-firem ta' Raymond Pace fuq cekkijiet tal-HSBC, fuq akkonti ta' Raymond Pace u dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi, jew kitba falza, u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**U aktar talli lil Massimo Galea wahdu** b'diversi atti, maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, u cioe':

1. Nhar is-17 ta' Lulju, 2002, jew fil-jiem ta' qabel, minn Pjazza Rotunda, fil-Mosta, ikkommetta serq ta' diversi cekkijiet minn cheque book minn vettura ta' ghamla Toyota Liteace numru tar-registrazzjoni BAO784, liema serq huwa kkwalifikat bin-natura tal-oggett misruq, u sar ghad-detriment ta' Ronald Giordano ta' Danamor Trading;

2. U aktar talli nhar is-27 ta' Settembru, 2002, f'xi hin wara nofsinhar, mill-MCP Car Park fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura ta' ghamla Vauxhall Corsa numru tar-registrazzjoni JAE821, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-mitt lira Maltin izda mhux l-elf lira Maltin u bin-natura tal-oggett misruq, u sar ghad-detriment ta' Antonio Sammut;

3. U aktar talli nhar is-23 ta' Settembru 2002 f'xi hin fil-ghodu, mill-MCP Car Park fil-Belt Valletta, ikkommetta

serq ta' diversi oggetti minn vettura ta' ghamla Fiat Punto numru ta' registrazzjoni IBG062 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-mitt lira Maltin izda mhux l-elf lira Maltin, u bin-natura tal-oggett misruq, u sar ghad-detriment ta' Anna Maria Bianchi;

4. U aktar talli nhar id-29 ta' Awwissu 2002, f'xi hin fil-ghodu, minn Triq Papa Piu V, fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura ta' ghamla Citroen Saxo numru ta' registrazzjoni ROB131 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-mitt lira Maltin, izda mhux l-elf lira Maltin, u bin-natura tal-oggett misruq u sar ghad-detriment ta' Roberta Bezzina;

5. U aktar talli nhar l-24 ta' Lulju, 2002 f'xi hin fil-ghodu, mill-MCP Car Park fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura ta' ghamla Fiat Uno numru tar-registrazzjoni AAL261, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-mitt lira Maltin izda mhux l-elf lira Maltin, u bin-natura tal-oggett misruq u sar ghad-detriment ta' Claire Caprio;

6. U aktar talli fl-ahhar xhur ta' qabel is-17 ta' Ottubru 2002, f'xi hin fil-ghodu, mill-Qawra, ikkometta serq ta' diversi oggetti minn vettura ta' ghamla Peugeot 106 numru tar-registrazzjoni mhux maghruf, liema serq huwa kkwalifikat bin-natura tal-oggett misruq, u sar ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa;

7. U aktar talli fl-ahhar gimghat ta' qabel is-17 ta' Ottubru 2002, f'xi hin wara nofsinhar, minn Triq Papa Piu V, fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura ta' ghamla u numru ta' registrazzjoni mhux maghrufa, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bin-natura tal-oggett misruq, u sar ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa;

8. U aktar talli fl-ahhar xhur ta' qabel is-17 ta' Ottubru 2002, f'xi hin wara nofsinhar, minn Great Siege Road, fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura ta' ghamla Volkswagen Golf numru tar-registrazzjoni mhux maghruf, liema serq huwa kkwalifikat

bil-mezz u bin-natura tal-oggett misruq, u sar ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa;

9. U aktar talli fl-ahhar gimghat ta' qabel is-17 ta' Ottubru 2002, f'xi hin fil-ghodu, minn Great Siege Road, fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura ta' ghamla u numru tar-registrazzjoni mhux maghrufa, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bin-natura tal-oggett misruq, u sar ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa;

10. U aktar talli fl-ahhar xhur ta' qabel is-17 ta' Ottubru 2002, f'xi hin fil-ghodu, mill-Furjana, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura ta' ghamla Peugeot 106 numru tar-registrazzjoni mhux maghruf, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bin-natura tal-oggett misruq u sar ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa;

11. U aktar talli fis-6 ta' Ottubru 2002, f'xi hin fil-ghodu, waqt li kien fuq il-karozza tal-linja bejn il-Mosta u l-Belt, ikkommetta serq ta' camera tar-ritratti u dan ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa;

12. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fil-vettura numru JAE821 ghad-dannu ta' Antonio Sammut; fil-vettura IBG062 ghad-dannu ta' Anna Maria Bianchi; fil-vettura numru ROB131 ghad-dannu ta' Robert Bezzina; fil-vettura numru AAL261 ghad-dannu ta' Claire Caprio, liema hsara hija ta' aktar minn Lm50.00 izda inqas minn Lm500.00 rispettivament.

Rat illi waqt l-interrogatorju George Vella u Massimo Galea rispettivament wiegbu li kienu hatja ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Rat ukoll li gie ezebit il-kunsens ghal proceduri sommarji (folio 69), dwar liema l-imputati ma kellhom ebda oggezzjoni.

Rat illi gie mahtur Probation Officer biex jirredigi Pre-Sentencing Report.

Xehed John Testa li in vista' ta' l-ammissjoni registrata, gie ordnat jirredigi Pre-Sentencing Report fil-konfront ta' kull imputat, liema rapporti gew ezebiti Dok MG u GV rispettivament.

Illi rat ir-rakkomandazzjonijiet fil-konfront ta' l-istess.

In vista' ta' l-ammissjoni registrata u li giet debitament ikkonfermata, din il-Qorti qieghda ssib htija fil-konfront ta' Massimo Galea, wara li rat l-Artikoli 334, 183, 184, 308, 309, 310, 261, 263, 267, 271, 278, 279, 280, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' George Vella qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 334, 183, 184, 308, 309, 310, 49, 50, 289, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, din il-Qorti fil-konfront ta' Massimo Galea tqis il-progress li ghamel l-istess. Taghmel taghha ghalhekk ir-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation, u qieghda tikkundanna lil Massimo Galea ghal sentejn(2) habs sospizi ghal erba'(4) snin wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda bl-applikazzjoni ta' l-istess, tqieghed lil Massimo Galea taht Ordni ta' Supervizjoni ghal perjodu ta' sentejn(2) taht l-Ufficjal tal-Probation John Testa, b'dan illi Massimo Galea ghandu jobdi kull direttiva lilu moghtija mill-istess ufficjal, b'mod partikolari fil-konfront ta' abbuz ta' sustanzi llegali.

Tikkudanna lil George Vella, in vista' tar-recidiva, anke wara li rat l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal piena karcerarja ta' sentejn(2), b'dan illi qieghda tirrakkomanda li l-istess George Vella jinghata kull ghajnuna (jekk minnu mitluba) u opportunitajiet illi jsolvi l-problemi ta' abbuz ta' droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------